# Ċensu Slaw Jagħmel Ikla Tajba

*Novella ta'* ALBERT M. CASSOLA

ĊENSU Slaw ma kienx xi ħalliel, imma l-ġuħ wasslu biex dak in-nhar jagħmel waħda minn tiegħu. Resaq fuq karrozzier u staqsieh: "Trid taqla' erba' xelini?"

Tal-karrozzin baqa' mistagħġeb: ma satax jemmen li dak ir-raġel bil-qmis mingħajr għonq, il-ġakketta mraqqgħa u l-kappell maħmuġ jinten sata' jqallgħu erba' xelini.

Imma Slaw għaraf ma jħallihx bejn ħaltejn: "Taħsibx li jiena xi tallab", qallu, "jiena l-Baruni ta' Bugidba. Għamilt imħatra li mmur liebes kif jien għal pranzu kbir fil-Hotel Feliċja. Jekk twassalni s'hemm għandek erba' xelini. Tajjeb?"

"Hekk ħaġ'oħra", wieġeb il-karrozzier, "Sa tagħmel ċajta ħelwa. Irkeb!"

"Mela suq!" għajjat Slaw. "U issa la naslu ħu ħsieb għarraf lid-Direttur tal-Hotel int biċ-ċajta tiegħi".

"Ħalli f'idejja". wieġeb il-karrozzier iċaqċaq il-frosta, "sewwa sew id-Direttur tal-Feliċja jafni tajjeb għax mhux ħlief inwassallu n-nies hemmhekk".

Meta d-Direttur tal-Hotel ġie mwissi bl-imħatra, ma felaħx iżomm bid-daħk, għax huwa nnifsu kien bniedem iħobb jiċċajta. U għalhekk lill-karrozzier ħallsu huwa stess u dendillu xi xelin iktar milli kien wiegħdu Slaw. Imbagħad mar jiġri jilqa' kif jixraqlu lill-Baruni.

Sadattant il-mistednin għall-pranzu ġew huma wkoll imgħarrfin baxx baxx bil-ħlieqa; imma b'danakollu meta Slaw daħal il-bieb kien hemm għagħa kbir.

"Jaf jaħdem il-parti tiegħu bil-għaqal!" qalet titbissem waħda attriċi.

"Veru bniedem ħelu dal-baruni!" żiedet mara oħra għadha żagħżugħa.

Imma l-iżied li interessa ruħu kien in-negozjant is-Sur Dumink li kien stieden għall-pranzu lil wieħed ħabib tiegħu tal-flus sewwa. Is-Sur Dumink ried juri lil dan il-ħabib għani li huwa, jiġifieri s-Sur Dumink, kien persuna ta' min jafda fiha għax fost ħbiebu kien igħodd nies ta' l-aristokrazija u kbarat;

* Din in-novella umoristika hija adattazzjoni ta' novella Taljana.
(Nota ta' l-Awtur).



għalhekk ried lil ħabibu jaħseb li dan il-Baruni ta' l-imħatra kien ukoll ħabib tal-qalb tas-Sur Dumink. Dan kollu, intom ġa fhimtuha, biex jimpressjona lill-mistieden tiegħu u dana jisilfu kapital għan-negozju.

"Allura 'l dan il-Baruni tafu wkoll?" staqsieh il-kapitalista.

"Ngħid nafux!" wieġeb is-Sur Dumink filwaqt li beda jitbissem u jsellem lil Slaw bla ma Slaw sata' jaqbad għaliex.

Sadattant beda l-pranzu u Slaw, illi qajla kien jaf xi jfissru dawk l-ismijiet ta' fuq il-Menù, beda jordna u jibla' kulma jġibulu quddiemu fost il-għors ta' kulħadd.

Slaw mela l-istonku bl-ikel u l-inbid u xaba' sal-ponta ta' mnieħru. Issa f'dak il-pranzu kulħadd kellu jħallas għalih innifsu u għall-mistednin tiegħu. Għalhekk lil Slaw, il-wejter ressaqlu l-kont bħalma għamel ma' ħaddieħor. Kif jaqbad iħallas? Slaw ma nfixilx, qam bil-wieqfa u stqarr: "Għandi xi ħaġa xi ngħidilkom, sinjuri. Jiena mhux tassew li għamilt imħatra. Jiena jisimni Ċensu Slaw u ma jiena baruni xejn. Kont ili ma niekol tlitt ijiem. M'għandix ħabba fuqi. Ħuduni l-Għassa tal-Pulizija".

"Din ċajta isbaħ!" infexx jidħak id-Direttur tal-Hotel.

"Emmnuni li m'għandix ħabba f'buti u tistgħu ssejħu 'l-Pulizija!" tenna Slaw bl-akbar serjetà. Id-Direttur tħasseb u kulħadd baqa' qisu skantat.

Is-sitwazzjoni kienet kerha tabilħaqq u biss is-Sur Dumink irnexxielu jsalvaha. Huwa ħaseb li biex ma joħroġx ta' ħmar mal-ħabib tiegħu l-kapitalista kien jeħtieġlu jagħmel xi ħaġa.

"Ħalli ngħidilkom is-sewwa jien". qal allura s-Sur Dumink lid-Direttur tal-Feliċja, "huwa miegħi li l-Baruni għamel l-imħatra... Tliftha jien, mela nħallas jien! Agħti l-kont lili".

Imbagħad dar fuq Slaw, għemżu u qallu bi tbissima qarsa:

"Ħalli min jarak, Sur Baruni. La rbaħthieli, irbaħthieli l-imħatra. Ħdimtha tajjeb tassew! Ma kontx nobsor għalik! Niltaqgħu l-lejla l-każin".

U kif qallu hekk taptaplu tnejn fuq spallejh u fl-istess ħin tah ħarsa kerha li ma ngħidx.

Il-kapitalista berraq għajnejh filwaqt li Slaw. mistagħġeb għal darba, gerbeb 'il barra mill-Feliċja fost it-tislim u l-inkini tad-Direttur tal-Hotel li wasslu sal-bieb u xtaqlu li jarġa' jarah ma jdumx.